

STUDJU DWAR MUDELLI TA' NEGOZJU LI JIKSRU D-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

Fażi 5: *Modus Operandi* tal-Kriminalità Serja u Organizzata

Sommarju Eżekuttiv



Dan l-istudju tnejja mill-EUIPO f'kooperazzjoni maċ-Ċentru għall-Istudji Internazzjonali dwar il-Proprietà Intellettwali (CEIPI) u l-Uffiċċju tal-Ekonomija Teoretika u Applikata (BETA) fl-Università ta' Strażburgu.

Awturi (f'ordni alfabetika):

Julie DAGHER

Rémy GUICHARDAZ

Natasha MANGAL

Emilie RUIZ

Rikonoxximenti:

Oleksandr BULAYENKO

Imħejji bl-appoġġ tal-persunal tal-EUIPO u tal-UNICRI, grazzi għal

Erling VESTERGAARD

Stephan EDELBROICH

Edyta BEDNARCZYK

Grazzi wkoll b'mod speċjali lil Marco MUSUMECI, UNICRI

Daħla

FI-2012, l-Osservatorju tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali ġie fdat lill-EUIPO biex jipprovdi fatti u evidenza b'appoġġ għall-politiki effettivi dwar il-proprjetà intellettuali (PI), joħloq għodod u riżorsi biex jgħinu fil-ġlieda kontra l-ksur tal-PI, u jqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-PI u l-effetti negattivi tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.

Wieħed mill-punti fokali ewlenin tal-Osservatorju matul dawn l-aħħar 10 snin kien li jifhem kif il-kontraventuri tal-PI u l-kriminali tal-PI jwettqu n-negozju illegali tagħhom. L-istudju dwar il-mudelli ta' negozji li jwettqu ksur, li bdew fl-2016, huma fost l-għodod ewlenin biex jittejjeb il-fehim tagħna tal-mudelli ta' negozju li jiksru l-PI u b'hekk jipprovdu bażi għall-identifikazzjoni ta' risponsi possibbli biex din l-isfida tiġi indirizzata b'mod effettiv.


Din l-edizzjoni tar-rapport tipprovdi metodoloġija ċara u analiżi rigoruża tal-*modus operandi* tal-kriminalità serja u organizzata. Tikkoinċidi mal-fokus imsaħħaħ fl-UE kollha fuq il-miżuri ta' infurzar kriminali kontra l-kriminalità relatata mal-PI. Dan huwa konformi mal-inklużjoni mill-ġdid mill-Kunsill Ewropew tal-kriminalità relatata mal-PI bħala prijorità tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) għall-2022-2025.

Hekk kif qed nersqu lejn ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA), huwa dejjem aktar ċar li l-falsifikazzjoni u l-piraterija huma reati serji li jiffrodaw lill-konsumaturi, jheddu l-fond għas-saħħa u s-sigurtà tagħna għall-kriminalità organizzata, u għandhom konsegwenzi ekonomiċi serji, fuq livell kemm mikroekonomiku kif ukoll makroekonomiku, kif ukoll fuq l-ambjent. Kif juri biċ-ċar dan ir-rapport, il-kriminalità relatata mal-PI hija marbuta wkoll ma' diversi forom oħra ta' attivitá kriminali, bħat-traffikar tad-droga, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità, it-terroriżmu u l-frodi.

Ir-riżultati, l-għarfien u l-eżempji pprovduti f'din il-fażi tas-serje ta' riċerka jagħmlu każ konvinċenti ħafna għall-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kriminalità relatata mal-PI tibqa' prijorità tal-EMPACT f'ċikli ta' politika futuri, u nittama li se jkun ta' assistenza kbira għall-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, l-akkademja, is-settur privat, u għal dawk li jfasslu l-politika fil-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mal-PI.



Christian Archambeau
Direttur Eżekuttiv
EUIPO



Sommarju Eżekuttiv

Sfond

Il-kapaċità tat-teknoloġija li taħbi attivitajiet illeċiti u żżid l-iskala tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (DPI) ħolqot diffikultajiet korrispondenti biex il-kriminali jittressqu quddiem il-ġustizzja. Il-proċess ta' identifikazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar ta' prosekuzzjoni ta' persuni li jipparteċipaw f'networks kriminali kumplessi li jinvolvu ksur tad-DPI ħafna drabi jsir l-istess bħal meta wieħed jaqta' rjus il-Hydra, peress li l-kriminali jużaw servers ta' sostituzzjoni, tekniki ta' ċirkomvenzjoni teknika u kooperazzjoni transfruntiera biex malajr jerġgħu jibdeu operazzjoni. B'mod importanti, kif jintwera f'dan l-istudju, il-ksur kriminali tad-DPI spiss ikun indikatur ta' reati tal-kriminalità organizzata serja oħra bħall-ħasil tal-flus u l-frodi. Għaldaqstant, l-identifikazzjoni u l-eżaminazzjoni xierqa tal-ksur sottostanti tad-DPI jistgħu jipprovdu indikatur kritiku għal għadd ta' reati serji oħra li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti għall-pubbliku.

Dak li issa huwa meħtieġ mill-infurzar tal-liġi huwa sett ta' għodod legali biex jiġu ffaċilitati sforzi investigattivi aktar rapidi u estensivi fir-rigward tal-ksur tad-DPI, fl-interess li tingħata attenzjoni lejn mudell ta' negozju li jwettaq ksur fl-intier tiegħu u biex jiġu esposti l-kawżi ewlenin tiegħu. Ma għadux suffiċjenti li l-isforzi jiġu ffukati fuq l-ilħuq tal-istadju tal-infurzar (jiġifieri tal-prosekuzzjoni) mill-aktar fis possibbli. Minflok, għandha tingħata prijorità lill-formazzjoni tal-akbar stampa possibbli tal-attività kriminali matul kwalunkwe investigazzjoni individwali. Forsi huwa biss b'dan il-mod li l-evidenza miġbura tista' tintuża bl-aktar mod effiċjenti biex verament tfixxel network kriminali akbar, u biex effettivament ittemm il-kontinwazzjoni tal-attivitàjiet kriminali.

Minħabba l-komplessitajiet inerenti fl-esponiment ta' networks kriminali kumplessi, inħolqot għodda legali waħda li ġiet żviluppata fil-passat fil-kuntest tal-ewwel studju tal-EUIPO ta' din is-serje, *Establishing an overview of online business models infringing intellectual property rights* (L-istabbiliment ta' ħarsa ġenerali lejn mudelli ta' negozju online li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali). F'dan l-istudju, tfassal mezz ta' "mmappjar" viżwali ta' mudelli ta' negozju li jwettqu ksur sabiex jiġu esposti l-elementi ta' kriminalità involuti, fil-forma ta' matriċi: fuq l-assi Y, huma elenkati diversi attivitajiet li jiksru d-DPI, u fuq l-assi X, huma elenkati diversi pjattaformi diġitali online. B'kollox, huma inklużi sitt attivitajiet u pjattaformi differenti.

Madankollu, wieħed mill-iżvantaġġi primarji tal-matriċi kien in-nuqqas ta' ċarezza ta' kull kategorija. Barra minn hekk, għandha natura limitanti ta' lista eżawrjenti ta' attivitajiet u pjattaformi possibbli li ma tistax tqis l-innovazzjoni. Fil-prattika, meta l-matriċi ntużat bħala għodda ta' viżwalizzazzjoni, ġie rrapportat li r-riżultati kienu diffiċli biex jiġu interpretati, u l-mudelli ma kinux evidenti. Madankollu, dan kien l-ewwel sforz ewlieni lejn it-tfassil ta' sistema komprensiva ta' dijagramma ta' mudell ta' negozju li jikser id-DPI, u pprova bażi għall-iżvilupp ta' bosta fażijiet ta' studji li nħarġu mill-EUIPO dwar is-suġġett.

FI-2018, l-istudju dwar l-IPTV illegali fl-Unjoni Ewropea (ta' Fażi 3) ħoloq dijagramma skematika viżwali simili biex jiġi ssimplifikat il-fehim tal-funzjonament tal-mudelli ta' negozju li jispeċjalizzaw fil-forniment ta' servizzi tal-IPTV illegali. Din id-dijagramma skematika tidentifika viżwalment b'mod partikolari l-atturi, l-infrastrutturi u l-mezzi tekniċi meħtieġa potenzjali kollha li huma prevalenti fil-biċċa l-kbira tal-każijiet tal-IPTV, jekk mhux f'kollha. Il-mudell, magħmul minn bosta saffi (bħal "stacks" jew "stack view" fil-lingwaġġ tat-taħdit komuni), jipprovdi lill-investigaturi bi speċi ta' lista ta' kontroll importanti biex titwettaq investigazzjoni bir-reqqa u ta' suċċess.

Huwa permezz tal-ispirazzjoni ta' dawn iż-żewġ studji li qed titqies din l-iterazzjoni li jmiss tal-immudellar viżwali ta' mudell ta' negozju li jikser il-PI: wieħed li jista', idealment, jinkludi għadd usa' ta' mudelli ta' negozju li jiksru l-PI li jkopru l-ksur tad-DPI fil-forom diversi kollha tagħhom.

Għalhekk, l-iskop ta' dan l-istudju huwa li jiġu riveduti l-mudelli tal-passat biex jipproduċi mudell viżwali ġdid u metodoloġija analitika li tkun aktar sempliċi biex tiġi applikata fil-prattika. Tali mudell għandu jkun jista' jinkludi wkoll tipi multipli ta' mudelli ta' negozju li jiksru d-DPI, u jiġi vvalidat permezz tal-użu ta' *data* dwar il-każijiet minn investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet fil-passat ta' każijiet relatati mal-ksur tad-DPI.

Matul l-ikkompletar ta' dan il-kompitu, ġie skopert li, skont il-ħtiġijiet investigattivi, bosta għodod viżwali li jvarjaw minn mudelli estremament simplifikati għal ċarts aktar granulari jistgħu jintużaw biex jidentifikaw xejriet differenti fl-evidenza, kif ukoll biex jiżvelaw kwalunkwe lakuna f'investigazzjoni. Flimkien, ladarba dawn l-għodod jintużaw b'mod effettiv u konsistenti, jistgħu jibdwew joħorġu mudelli ewlenin u jiżvelaw xejriet utli. Ir-rikonossiment bikri ta' dawn il-mudelli jista' jgħin biex il-qasam tal-infurzar tal-liġi jipprevedi aħjar il-miri u l-vittmi potenzjali ta' negozju li jwettaq ksur, kif ukoll jantiċipa l-atturi ewlenin li jistgħu jkunu involuti fl-attività illeċita.

Metodoloġija

Il-kompitu ewleni ta' dan l-istudju tal-Fażi 5 kien li titqies skema ta' approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" meta wieħed jipprova jimmappja l-kumplessitajiet ta' mudell ta' negozju online li jikser id-DPI. Il-fokus kien ukoll fuq reati ta' kriminalità organizzata serja li jinvolvu l-ksur tad-DPI, u b'hekk l-applikazzjoni tal-għodod żviluppata għet limitata għal dawk l-attivitàjiet illegali li huma fil-livell ta' attività kriminali.

Il-mudelli ta' negozju online li jiksru d-DPI, li kienu l-fokus f'dan l-istudju, huma dawk il-mudelli li jinvolvu mill-inqas komponent online wieħed u li jintużaw biex jipperpetwaw il-kummerċ illeċitu ta' oġġetti ffalsifikati jew biex jinkoraġġixxu attivitàjiet oħra li jiksru d-DPI. Il-punt ta' kuntatt bejn l-utenti finali / il-konsumaturi ta' prodotti u oġġetti ffalsifikati – kemm jekk ikunu jafu kif ukoll jekk le – spiss jiġi ffaċilitat mill-karatteristiċi tal-ambjent online, li jista' jippermetti aċċess għal mezzi aktar mifruxa ta' ksur u jista' jinkludi ambitu usa' ta' prodotti u servizzi minn dawk disponibbli permezz ta' skambji strettament fiżiċi.

Minħabba dawn il-parametri, fl-istudju jintużaw u/jew jiġu żviluppata bosta mudelli viżwali għal skopijiet differenti.

- L-ewwel nett, fil-forma l-aktar simplifikata, il-mudelli ta' negozju jistgħu jinftiehem b'mod lineari fil-forma ta' **"katina tal-valur industrijali"**. Din il-"katina tal-valur" tintraċċa l-atturi u l-attivitàjiet lura għall-oriġini tagħhom, bl-użu ta' approċċ ta' "segwi l-flus" biex jiġu intraċċati fondi derivati minn attivitàjiet illeċiti peress li dawn jgħaddu "upstream" lura lill-oriġinaturi tar-reat (li ħafna drabi jkunu l-imħuñ warajh).
- It-tieni, fil-forma l-aktar granulari, ix-**xenarju klassiku tal-mudell ta' negozju** jintuża biex iqiegħed lill-atturi u l-attivitàjiet kollha fuq paġna waħda. Dan il-mudell huwa l-aktar effettiv biex jiġu iżolati l-mira/i tal-attivitàjiet kriminali, kif ukoll is-servizzi ta' partijiet terzi li jkunu qegħdin jintużaw (spiss mingħajr ma dawn kellhom ħjiel) biex jipperpetwaw il-funzjonijiet ta' kuljum tan-negozju (eż. servizzi ta' pagament, servizzi ta' webhosting, faċilitajiet ta' kiri ta' uffiċċji).
- It-tielet, il-mudell żviluppata b'mod speċifiku fil-kuntest ta' dan l-istudju – b'mod partikolari fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-mudell matriċi żviluppata fil-Fażi 1 – huwa taħlita ta' dawn iż-żewġ mudelli u huwa parzjalment ispirat mill-mudell "stack view" li nħoloq fil-Fażi 3 għall-każijiet tal-IPTV. Il-verżjoni **"Stackview"** ta' dan l-istudju toffri viżwalizzazzjoni tal-katina tal-valur li tissovraponi l-assemblaġġ ta' atturi u attivitàjiet rilevanti, tipprovdi lill-infurzar tal-liġi l-opportunità li jiġu intraċċati l-flussi tad-dħul u jkun

hemm fehim tal-interrelazzjoni tal-atturi u tal-attivitajiet komuni man-negozji ffukati fuq attività li tikser id-DPI.

Biex jiġu ttestjati l-użabbiltà u l-funzjonament ta' dawn l-għodod ta' viżwalizzazzjoni, intużat *data* derivata minn każijiet fattwali. Is-sorsi primarji tad-*data* tqiegħdu għad-dispożizzjoni tat-tim tar-riċerka mill-EUIPO fil-forma ta' studji tal-każ li nħolqu mill-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI). L-identifikazzjoni u l-ġbir tal-każijiet twettqu f'kooperazzjoni ulterjuri man-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Proprietà Intellettwali (EIPPN) u l-EUROJUST, li ffaċilitaw il-kuntatt mal-ġudikaturi nazzjonali, il-prosekuturi u l-infurzar tal-liġi nazzjonali.

L-informazzjoni relatata mal-każijiet imbagħad ġiet ipproċessata b'mod kunfidenzjali, biex b'hekk ġiet żgurata anonimizzazzjoni sħiħa. Is-suġġetti ta' dawn il-każijiet kienu relatati mal-forom kollha ta' ksur tad-DPI (inklużi reati "assoċjati", eż. serq ta' sigrieti kummerċjali, frodi ta' fatturi kontra s-sidien tal-PI) li jseħħu fost l-Istati Membri tal-UE, inklużi iżda mhux limitati għall-ksur ta' trademarks, il-falsifikazzjoni, u l-ksur tad-drittijiet tal-awtur, li kollha huma fil-livell tal-kriminalità.

Fl-aħħar nett, permezz tat-taħlita tal-użu ta' għodod ta' viżwalizzazzjoni mad-*data* tal-każ, dan ippermetta investigazzjoni aktar mill-qrib ta' xejriet inerenti ta' kriminalità li kienu jeżistu fost id-diversi forom ta' każijiet kriminali ta' ksur tad-DPI.

Sejbiet Ewlenin u Konklużjonijiet

Wara li ġew applikati diversi eżerċizzji ta' mmappjar viżwali, feġġew għadd ta' mudelli, aspetti komuni, u xejriet notevoli fir-reati tad-DPI eżaminati. Dawn il-konklużjonijiet ġew suddiviżi f'kategoriji differenti ta' DPI u attivitajiet relatati mal-ksur tad-DPI.

L-ewwel nett, il-Parti I ta' dan l-istudju tqis każijiet relatati ma' **oġġetti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali**, li jiffukaw prinċipalment fuq il-ksur ta' trademarks. Fil-każijiet kollha, l-orijini tal-oġġetti ta' ksur spiss kienet l-aktar element diffiċli biex jiġi identifikat. L-oġġetti li ġew prodotti barra mill-UE ġew interċettati biss ladarba daħlu fis-suq tal-UE permezz tal-isforzi kkoordinati ta' moħħ barrani jew ibbażat fl-UE. Minbarra din il-limitazzjoni għall-investigaturi biex jidentifikaw u jwaqqfu s-sors tal-oġġetti, fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa l-investigazzjonijiet komplew jiġu mfixkla minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni li torbot l-attivitajiet mal-moħħ veru tal-importazzjoni tal-oġġetti illeċiti.

F'għadd ta' każijiet li kienu jinvolvu elementi ġurisdizzjonali barranin, dan tipikament kien jindika l-użu ta' bosta atturi intermedjarji, b'uħud joperaw mingħajr ma kellhom f'għajr ta' intermedjarji oħra fl-istess livell. Moħħ ewlieni jista' juża din il-multipliċità ta' intermedjarji biex ixerred b'mod sistematiku l-ktajjen tad-distribuzzjoni, filwaqt li jillimita li jiġbed attenzjoni mhux mixtieqa minn naħa u jżomm in-negozju li wettaq ksur reżiljenti fuq l-ieħor.

Barra minn hekk, kien rari li l-produtturi ta' oġġetti li jiksru d-DPI jikkonsenjaw prodott direttament lill-konsumatur finali, li jimplika nuqqas ta' kontroll fuq l-aspetti kollha tal-katina tad-distribuzzjoni. Dan it-tip ta' mudell ta' distribuzzjoni diversifikata jservi żewġ skopijiet: biex jaħbi kif l-attivitajiet jiġu kkoordinati fuq barra kif ukoll fuq livell intern, peress li xi atturi kriminali għandhom għarfien limitat dwar in-network kriminali skont id-disinn fl-intier tiegħu. F'konformità ma' din l-osservazzjoni, jidher li hemm għadd minimu ta' livell downstream wieħed jew tnejn ta' intermedjazzjoni meħtieġa qabel ma jintlaħaq il-konsumatur finali.

Fir-rigward tal-imħuħ li jikkontrollaw il-fluss ta' oġġetti li jiksru l-PI, element notevoli finali li ġie rreġistrat fil-każijiet kien il-livelli sinifikanti ta' għarfien espert tal-imħuħ (u/jew intermedjarji fil-livell upstream), l-isfond, u l-ispeċjalizzazzjoni fir-rigward tas-settur ta' attività infiltrat. Meta jitqiesu dawn il-ħafna xejriet, l-approċċ "segwi l-oġġetti" ġie enfasizzat bħala l-aktar approċċ

effiċjenti biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' informazzjoni dwar atturi upstream (b'mod partikolari fornituri u mħuħ) fil-katina tal-valur.

Fil-Parti II, il-fokus huwa fuq **I-aċċess għal u d-disseminazzjoni ta' materjali li jiksru d-drittijiet tal-awtur**. Wieheh mill-elementi l-aktar importanti ta' dawn il-każijiet, li madankollu ma ġiex ikkunsidrat, kien il-punt li fih l-aċċess legali għal kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur ġie abbużat għal skopijiet ta' ksur. Kif osservat, individwi li jkollhom xogħlijiet legali jistgħu jabbużaw mid-drittijiet tagħhom ta' aċċess bikri għall-kontenut sabiex "iħaffu" biex itellgħu kontenut li jiksru id-drittijiet. Dawk b'impjeggi bħala kritiċi, ġurnalisti, jew bejjiegħa bl-imnut jistgħu jabbużaw mill-aċċess legali tagħhom, u l-motivazzjonijiet tagħhom mhux dejjem ikunu ta' natura finanzjarja. Fil-fatt, il-*modi operandi* ta' xi attivitajiet li jiksru d-drittijiet tal-awtur jistgħu jiġġeneraw ukoll qligħ "mhux monetarju" għall-kontraventuri, iggwadanjat biex jiġu ssodisfati motivazzjonijiet intrinziċi bħal rikonoxximent personali (għalkemm anonimizat) (jiġifieri ksib ta' reputazzjoni) u l-opportunità li jinkiseb qligħ b'elementi ta' logħba, bħall-akkwist ta' pożizzjoni għolja meta' mqabbel ma' utenti oħra, it-tniżżil ta' tokens, jew il-kisba ta' spazju fuq server, fost inċentivi oħra.

Xejra oħra li ġiet osservata kienet li għadd ta' negozji li wettqu ksur inkorporaw "servizzi tal-konsumatur" li jnaqqsu l-ostakli għad-dħul fl-użu ta' mudell ta' negozju li jwettaq ksur għaċ-ċittadini ta' kuljum. Dawn il-karatteristiċi kienu jvarjaw minn fittxijiet personalizzati għall-ksur ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur/links, il-ħolqien ta' gwida għall-utent pass pass dwar l-użu ta' applikazzjonijiet li jiksru d-drittijiet tal-awtur, u l-offerta ta' servizzi ta' ġbir ta' tariffi ta' abbonament bieb bieb u servizzi ta' installazzjoni ta' tagħmir, fost karatteristiċi oħra "faċli għall-klijent" biex jgħinu li jiġu attirati klijenti lejn is-servizz.

Għall-kuntrarju ta' oġġetti li jiksru l-PI, il-flussi tad-dħul monetarju dirett f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' tariffi ta' abbonament u donazzjonijiet. In-negozji li jwettqu ksur f'din il-kategorija juru wkoll tendenza li jiddiversifikaw is-sorsi tad-dħul li jistgħu jinkisbu minn attivitajiet illeċiti. L-isfruttament tal-użu tad-dħul mir-reklamar u l-bejgħ ta' *data* personali lil partijiet terzi, pereżempju, ħoloq sorsi addizzjonali ta' dħul li seħħ b'mod parallel ma' kwalunkwe qligħ miġbur mill-attivitajiet ta' ksur biss.

Il-Parti III tindirizza forom ta' **reati ċibernetiċi relatati ma' ksur tal-proprjetà intellettwali**. Peress li din hija firxa ferm usa' ta' attivitajiet kriminali, kienet l-aktar ta' sfida biex jinsiltu konklużjonijiet ġeneralizzati. Madankollu, xejra osservabbli f'din it-taqsimha kienet li l-mudelli ta' negozju li jwettqu ksur għandhom it-tendenza li jkunu aktar sofistikati minħabba li jadattaw il-*modus operandi* tagħhom għal għadd akbar ta' vittmi fil-mira. F'każijiet ta' sigriet kummerċjali, pereżempju, il-miżapproprjazzjoni ta' sigriet kummerċjali timplika fehim profond dwar kif qed tiffunzjona l-kumpanija vittma fil-mira sabiex tħajjar l-impjegati rilevanti jiżvelaw is-sigriet kummerċjali. Bl-istess mod, f'każijiet ta' frodi, il-kriminali jagħmlu sforzi sinifikanti biex jużaw il-propożizzjoni ta' valur qarrieqi tagħhom fil-kuntest ta' ċirkustanzi apparentement tajbin u kundizzjonijiet formali biex jinħoloq sens ta' leġittimità.

Kollektivament, minkejja n-natura illegali tagħhom, il-mudelli kollha ta' negozju li jiksru d-DPI jeħtieġ li jiddependu b'mod kostanti fuq is-servizzi pprovduti minn partijiet terzi legali. Sa ċertu punt, il-fornituri ta' servizzi legali jistgħu jitqiesu bħala "faċilitaturi tranżazzjonali" bejn jew l-atturi kriminali nfushom tul il-katina tal-valur, jew inkella bejn il-mudelli ta' negozju li jwettqu ksur u l-konsumaturi finali. Filwaqt li dawn il-"faċilitaturi" normalment ma jiħdux sehem direttament fl-attivitajiet ta' ksur, huwa utli wkoll li l-investigaturi jinvestigawhom u jinterrogawhom, peress li potenzjalment jistgħu jkunu sors utli ħafna ta' informazzjoni dwar il-mudell ta' negozju illegali minħabba l-vantaġġi inerenti ta' informazzjoni tagħhom bħala intermedjarji.

Peress li dawn l-aspetti komuni ġew osservati fil-kategoriji ta' każijiet diskussi, fl-istess ħin l-applikazzjoni futura ta' tali konklużjonijiet tinftiehem li hija limitata min-natura taċ-ċirkustanzi fattwali li huma l-bażi ta' kull każ individwali. Naturalment, f'ċertu livell ta' ġeneralità, il-każijiet kollha ta' ksur tad-DPI għandhom xi aspetti komuni, speċjalment fost dawk il-każijiet li jittrattaw

ksur li jiġi pperpetwat l-aktar permezz tal-użu ta' faċilitaturi u riżorsi online (eż. servizzi ta' pagament virtwali, webhosting). Madankollu, ladarba kull reat jiġi eżaminat mill-qrib, l-għadd ta' atturi kriminali, is-sofistikazzjoni tal-mezzi tagħhom, u r-riżorsi finanzjarji li huma kapaċi jisfruttaw, jistgħu jaffettwaw id-daqs, l-ambitu u l-impatt tal-intrapriżi kriminali tagħhom. Fi kliem ieħor, f'xi livell ma jkunx fattibbli li wieħed jikkonċepixxi r-reati kollha tad-DPI bħala ugwali għal xulxin. B'dan il-fehim, l-eżerċizzju tar-rikonċepiment ta' mudell ta' negozju li jwettaq ksur billi jiġi involut fit-tipi ta' mmudellar viżwali deskritti f'dan l-istudju għad għandu l-potenzjal li jwassal għall-osservazzjoni ta' lakuni sorprendenti u/jew mhux previsti f'investigazzjoni; lakuni li l-awtoritajiet imbagħad, fl-aħjar każ, jistgħu jeliminawhom maljar u b'mod effiċjenti.

F'termini tal-utilità u l-applikabbiltà futuri tal-mudelli viżwali pprovduti minn dan l-istudju, jista' jiġi antiċipat li t-teknoloġiji l-ġodda se jkomplu jittestjaw il-forma u l-funzjonament ta' dawn l-għodod maż-żmien. Madankollu, bħala punt tat-tluq għall-immappjar ta' mudell ta' negozju li jikser id-DPI, dan il-ġbir ta' għodod jista' jgħin biex jixħet dawl fuq aktar punti ta' dħul fin-negozju li jwettaq il-ksur, li idealment iwassal għall-iskoperta (u l-eliminazzjoni) ta' networks sħaħ ta' kriminalità li jinvolvu ksur tad-DPI.

STUDJU DWAR MUDELLI TA' NEGOZJU LI JIKSRU D-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

Fażi 5: *Modus Operandi* tal-Kriminalità Serja u Organizzata

ISBN 978-92-9156-335-7

© L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors